

Brussell, 26 ta' Frar 2021  
(OR. en)

6471/21  
ADD 2

TRANS 95

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	WK 2210/2021
Suġġett:	Dikjarazzjoni ta' Locarno dwar l-iżvilupp tas-sistema ferrovjarja – Awtorizzazzjoni għall-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea – Approvazzjoni tal-Istqarrija tal-Kunsill

---

Fl-Anness għandek issib l-Istqarrija tal-Kunsill fir-rigward tal-kwistjoni msemmija hawn fuq.

STOARRIJA TAL-KUNSILL

"Fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni ma rrispettatx bis-sħiħ l-Arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti (NBI) fir-rigward tad-Dikjarazzjoni ta' Locarno, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta ta' dawk l-Arranġamenti fl-oqsma kollha ta' politika. B'mod partikolari, huwa importanti li l-Kunsill jiġi infurmat minn qabel biżżejjed qabel ma l-Kummissjoni tidħol f'diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' NBI ma' sħab terzi, kif ukoll qabel l-iffirmar jew il-ftehim maħsub dwar it-test finali tal-istrument. In-nuqqas li tagħmel dan jipprevjeni lill-Kunsill milli jeżerċita kif xieraq il-prerogattivi tiegħu ta' tfassil ta' politika skont l-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u skont il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti. In-nuqqas li tinforma lill-Kunsill f'konformità mal-Arranġamenti jirriskja wkoll li jdgħajjed l-unità fir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni u l-kredibbiltà tagħha lejn membri oħra tal-komunità internazzjonali u l-Kunsill jiddispaċi, f'dan il-każ, li d-Dikjarazzjoni ta' Locarno ma setgħetx tiġi ffirmata f'isem l-Unjoni fl-istess ħin li ġiet iffirmata minn firmatarji oħra."

---